KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 22 ta' Lulju 2009 (12.08)**
**(OR. de,en)**

**11971/09**

**DROIPEN 61**

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Nikolaus Obrovski, Kunsillier ĠAI, Rappreżentanza Permanenti tal-Awstrija għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Is-Sur Ivan Bizjak, Direttur Ġenerali, DGH Ġustizzja u Affarijiet Interni, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Suġġett : | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità<br>- Ittra ta' notifika |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża ittra ta' notifika mill-Awstrija.

**ANNESS**

**Minn:**

Rappreżentanza Permanenti tal-Awstrija għall-Unjoni Ewropea
30, avenue de Cortenbergh
B-1040 Bruxelles
Tel.: +32 2 2345-100 (switchboard)
Faks: +32 2 2356-100
Posta elettronika: bruessel-ov@bmeia.gv.at

Persuna tal-kuntatt: Is-Sur Nikolaus OBROVSKI
Tel. dirett: +32 2 2345-269
Faks dirett: +32 2 2356-308
Posta elettronika: nikolaus.obrovski@bmeia.gov.at

**Lil:**

Direttur Ġenerali Jonathan Faull
Kummissjoni Ewropea
DĠ Ġustizzja, Libertà u Sigurtà
Rue de Luxembourg, 46
B-1049 Bruxelles

Brussell, 26 ta' Ġunju 2009

**GZ 3.3.20/18/09**

**Suġġett:** Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità; notifika

Sinjur,

Ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Awstrija b'dan qed tissottometti deskrizzjoni ġenerali tad-dispożizzjonijiet implimentattivi u l-leġislazzjoni rilevanti li jittrasponu fil-liġi nazzjonali Awstrijaka l-obbligi imposti bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità.

(Għeluq kumplimentari)
Għar-Rappreżentanza Permanenti:
(iffirmat)
Is-Sur Nikolaus Obrovski
(Attaché/Affarijiet Ġudizzjarji)

Kopja ta' din l-ittra ntbagħtet lid-Direttur Ġenerali Ivan Bizjak u qed tintbagħat ukoll bil-posta elettronika lil Sebastiano Tiné (Kap tad-Dipartiment).

**Deskrizzjoni ġenerali tad-dispożizzjonijiet implimentattivi**

**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità**

B'segwitu għall-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49), l-Istati Membri għandhom sal-15 ta' Marzu 2007 jibagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom b'dik id-Deċiżjoni Qafas.
Konformement ma' dak ir-rekwiżit, ir-Repubblika tal-Awstrija b'dan qed tavża li l-obbligi imposti fuqha b'dak l-att legali ġew rispettati bis-sħiħ permezz tad-dispożizzjonijiet segwenti tal-liġi Awstrijaka:

**Dwar l-Artikolu 2 - Konfiska:**

F'termini ta' kontenut, dan l-Artikolu jikkorrispondi għall-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Riċiklaġġ, it-Tfittxija, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavati mill-Kriminalità).

Id-dispożizzjoni rilevanti hi implimentata fil-liġi Awstrijaka bl-Artikoli 20, 20b u 26 tal-Kodiċi Penali u bl-Artikoli 110 sa 115 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, kif ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Awstrija I 2004/19 (Artikoli 143 u 144a tal-verżjoni l-qadima tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali), u bl-Artikoli 443 sa 446 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali u l-Artikoli 64 sa 67 tal-Att dwar l-Estradizzjoni u l-Assistenza Ġudizzjarja (ARHG). Billi, fil-liġi Awstrijaka, il-konfiska mhix ristretta għal livelli partikolari ta' kriminalità, ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 2 jista' jitqies bħala li ġie sodisfatt.

**Dwar l-Artikolu 3 - Setgħat estiżi ta' konfiska:**

L-obbligu taħt l-Artikolu 3 hu implimentat fil-liġi kriminali Awstrijaka bl-Artikoli 20 u 20b tal-Kodiċi Penali, b'mod partikolari billi l-Artikolu 20 tal-Kodiċi Penali ma jirreferix għat-twettiq ta' ċerti reati, iżda pjuttost jippermetti li jiġu rkuprati r-rikavati kulfejn ikun inkiseb vantaġġ pekunjarju għal jew b'riżultat ta' reat kriminali. Għalhekk mhux meħtieġ li tkun ingħatat kundanna għal dak ir-reat.

Barra minn hekk, l-Artikolu 20(3) tal-Kodiċi Penali jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru tar-rikavati fir-rigward ta' dawk li jikkommettu reati li jkunu rċevew vantaġġi pekunjarji waqt li kienu membru ta' organizzazzjoni kriminali jew assoċjazzjoni terroristika f'każijiet fejn ikun issuspettat li dawk il-vantaġġi nkisbu minn reati kriminali u fejn min jikkommetti r-reat ma jistax jipprovdi evidenza tal-oriġini leġittima tagħhom.

Fil-każ ta' kundanna, ir-rikavati jistgħu għalhekk jiġu rkuprati fi kwalunkwe każ; dan jissodisfa l-obbligi taħt l-Artikolu 3(2)(a) u (b) tad-Deċiżjoni Qafas, li bihom il-konfiska għandha tkun permessa mill-inqas "fejn qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà inkwistjoni ġiet minn attivitajiet kriminali tal-persuna kundannata matul perjodu qabel il-kundanna għar-reat imsemmi fil-paragrafu 1 ...".

L-obbligu taħt l-Artikolu 3(2) li qorti nazzjoni tkun "konvinta bis-sħiħ" li l-proprjetà inkwistjoni ġiet minn attivitajiet kriminali hu fi kwalunkwe każ rekwiżit tal-liġi Awstrijaka għall-irkupru tar-rikavati, u huwa rifless b'mod partikolari fl-Artikolu 20(2) tal-Kodiċi Penali.

Ir-rekwiżit taħt l-Artikolu 3(2)(c) hu sodisfatt bl-Artikolu 20(3) tal-Kodiċi Penali.

Fir-rigward tad-dispożizzjoni mhux obbligatorja li hemm fl-Artikolu 3(3), jista' jingħad li, taħt l-Artikolu 20(4) tal-Kodiċi Penali, jistgħu jiġu rkuprati rikavati mhux biss minn min iwettaq reat kriminali, iżda wkoll minn kwalunkwe persuna oħra li dak li jwettaq ir-reat ikun ittrasferielha l-vantaġġ pekunjarju li jirriżulta minn tali reat u li tkun b'hekk ġiet arrikkita direttament u inġustament. Dan japplika wkoll f'każijiet fejn dik it-terza parti tkun persuna ġuridika.

**Dwar l-Artikolu 4 - Rimedji legali:**

L-Artikoli 443 sa 445a tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedu rimedji legali għall-partijiet interessati kollha fir-rigward ta' pieni finanzjarji imposti minn qorti. Deċiżjonijiet dwar pieni finanzjarji jistgħu jkunu kkontestati b'appell kemm favur kif ukoll kontra l-parti kkundannata jew il-persuna miżmuma responsabbli, ħlief fejn tintuża proċedura deċiżjonali ssimplifikata b'segwitu tal-Artikolu 445a tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

It-test tad-dispożizzjonijiet rilevanti hu mehmuż ma' dan.

**Il-Liġi Federali tat-23 ta' Jannar 1974 dwar atti sanzjonabbli minn qorti (Kodiċi Penali)**

L-Artikolu 20 tal-Kodiċi Penali - Irkupru ta' rikavati

(1) Kull persuna li

1. tkun ikkommettiet att sanzjonabbli minn qorti u tkun b'hekk kisbet vantaġġ pekunjarju, jew
2. tkun irċeviet vantaġġ pekunjarju għat-twettiq ta' att sanzjonabbli minn qorti

għandha tiġi mmultata ammont ekwivalenti għal-livell ta' arrikkiment inġust miksub permezz ta' hekk. Safejn l-ammont ta' tali arrikkiment ma jistax jiġi ddeterminat, jew jista' jiġi ddeterminat biss bi sforz sproporzjonat, il-qorti għandha tistabbilixxi l-ammont li jrid jiġi rkuprat kif jidhrilha li hu xieraq.

(2) Jekk

1. min wettaq ir-reat ikun ikkommetta reati fuq bażi ripetuta jew rikorrenti (Artikolu 17) u jkun irċieva vantaġġ pekunjarju b'riżultat ta' jew bi ħlas għal tali reati, u jekk
2. fil-mument li twettqu r-reati, ikun irċieva aktar vantaġġi pekunjarji li huma ssuspettati li ġew minn reati oħra tal-istess tip u li l-oriġini leġittima tagħhom ma tistax tiġi pprovata,

dawn il-vantaġġi pekunjarji għandhom ukoll jittieħdu fil-kont meta jiġi stabbilit l-ammont li għandu jiġi rkuprat.

(3) Dawk li wettqu reat u, waqt li kienu membri ta' organizzazzjoni kriminali (Artikolu 278a) jew assoċjazzjoni terroristika (Artikolu 278b), irċevew vantaġġi pekunjarji li huma ssuspettati li ġew minn reati kriminali u li l-oriġini leġittima tagħhom ma tistax tiġi pprovata għandhom jiġu mmultati ammont li l-qorti tiġġudika bħala ekwivalenti għall-ammont tal-arrikkiment miksub permezz ta' hekk.

(4) Kull persuna li tikseb arrikkiment direttament u inġustament permezz ta' att sanzjonabbli minn qorti li twettaq minn individwu ieħor jew b'riżultat ta' vantaġġ pekunjarju mogħti lilha għat-twettiq ta' dak l-att għandha tiġi mmultata ammont ekwivalenti għal dak l-arrikkiment. Kull persuna jew sħubija ġuridika arrikkita b'hekk għandha bl-istess mod tkun suġġetta li tħallas dik il-multa.

(5) Fil-każ tal-mewt ta' persuna arrikkita direttament jew it-tmiem ta' persuna jew sħubija ġuridika arrikkita direttament, tali arrikkiment għandu jiġi rkuprat mis-suċċessur ġuridiku tagħha safejn dik il-persuna kienet ħajja jew eżistenti fil-mument tat-trasferiment.

(6) Meta jkunu ġew arrikkiti aktar minn persuna waħda, dawn għandhom jiġu mmultati fuq il-bażi tas-sehem tagħhom f'dak l-arrikkiment. Meta dak is-sehem ma jistax jiġi ddeterminat, il-qorti għandha tistabbilixxih fil-livell li jidhrilha huwa xieraq.

Artikolu 20b tal-Kodiċi Penali - Telf tad-dritt ta' proprjetà ("Forfeiture")

(1) L-assi li organizzazzjoni kriminali (Artikolu 278a) jew assoċjazzjoni terroristika (Artikolu 278b) għandha dritt ta' disponiment fuqhom jew li saru disponibbli jew ġew akkumulati bħala mezz ta' finanzjament tat-terroriżmu (Artikolu 278d) għandhom jiġu kkonfiskati.

(2) L-assi li ġew minn att sanzjonabbli minn qorti għandhom jiġu kkonfiskati jekk l-att li jirriżultaw minnu huwa wkoll sanzjonabbli minn qorti taħt il-liġi tal-Istat fejn kien twettaq iżda mhux suġġett għal-liġi kriminali Awstrijaka b'segwitu tal-Artikoli 62 sa 65.

Artikolu 26 tal-Kodiċi Penali - Konfiska

(1) Il-proprjetà li tintuża jew hi maħsuba biex tintuża minn persuna biex twettaq att sanzjonabbli minn qorti jew li tinħoloq b'att bħal dan għandha tiġi kkonfiskata jekk in-natura speċifika ta' dik il-proprjetà tkun teħtieġ li jsir dan biex ma jitħallewx jitwettqu dawk l-atti.
(2) M'għandhiex tiġi kkonfiskata proprjetà f'każijiet fejn il-persuna li jkollha dritt leġittimu għaliha telimina n-natura speċifika tagħha, b'mod partikolari billi tneħħi jew tħassar l-użu tat-tagħmir jew il-karatteristiċi li jiffaċilitaw it-twettiq ta' atti sanzjonabbli minn qorti. Proprjetà li għandha titolu ġuridiku għaliha persuna li mhix involuta fl-att sanzjonabbli tista' tiġi kkonfiskata biss jekk il-persuna kkonċernata ma tistax tiggarantixxi li mhix qed tintuża għat-twettiq ta' atti bħal dawn.
(3) Dment li l-kundizzjonijiet għall-konfiska jkunu sodisfatti, proprjetà tista' tiġi kkonfiskata wkoll f'każijiet fejn l-ebda individwu ma jista' jiġi mħarrek jew ikkundannat għall-att sanzjonabbli minn qorti.

**Kodiċi tal-Proċedura Kriminali tal-1975 (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Awstrija 1975/631, kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Awstrija I 2007/109)**

Artikolu 110 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali - Sekwestru

(1) Is-sekwestru għandu jkun permess jekk jidher li huwa meħtieġ
1. għal raġunijiet ta' prova
2. għas-salvagwardja ta' talbiet ta' dritt privat (Artikolu 367), jew
3. għas-salvagwardja tal-irkupru ta' rikavati (Artikolu 20 tal-Kodiċi Penali), telf tad-dritt ta' proprjetà (Artikolu 20b tal-Kodiċi Penali), konfiska (Artikolu 26 tal-Kodiċi Penali) jew kwalunkwe ordni finanzjarja oħra preskritta legalment.

(2) Is-sekwestru għandu jsir b'ordni mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u jiġi implimentat mill-Pulizija Kriminali.
(3) Il-Pulizija Kriminali għandu jkollha d-dritt tissekwestra proprjetà fuq inizjattiva tagħha stess (Artikolu 109(1)(a))
1. jekk
   (a) ħadd ma jkollu dritt ta' disponiment fuq dik il-proprjetà,
   (b) il-proprjetà inkwistjoni ttieħdet mill-vittma b'riżultat tar-reat,
   (c) il-proprjetà inkwistjoni nstabet fuq il-post tad-delitt u ntużat jew setgħet intużat biex jitwettaq ir-reat kriminali, jew
   (d) il-proprjetà inkwistjoni għandha valur baxx u tista' faċilment tiġi sostitwita temporanjament,
2. jekk il-pussess ta' dik il-proprjetà huwa ġeneralment ipprojbit (Artikolu 445a(1)),
3. jekk il-proprjetà inkwistjoni ntużat minn persuna arrestata għar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 170(1)(1) jew instabet meta dik il-persuna saritilha tfittxija b'segwitu tal-Artikolu 120(1), jew
4. fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet (ĠU L 196, 2.8.2003, pp. 7-14).

(4) Is-sekwestru ta' proprjetà għal raġunijiet ta' prova (paragrafu 1(1)) mhux permess u għandu fil-każijiet kollha jiġi rrevokat fuq talba tal-persuna kkonċernata jekk dik il-prova tista' tiġi pprovduta permezz ta' reġistrazzjonijiet viżivi, awdjo jew oħrajn jew b'fotokopji ta' dokumentazzjoni miktuba jew data pproċessata b'kompjuter, u fejn mhemm l-ebda raġuni

sabiex ikun preżunt li l-proprjetà nfisha jew il-kopji oriġinali tad-data ssekwestrata ser ikollhom jiġu eżaminati fil-proċedimenti prinċipali.

Artikolu 111. (1) Kull persuna li għandha d-dritt tad-disponiment fuq proprjetà jew assi li ser jiġu ssekwestrati għandha tkun obbligata (Artikolu 93(2)) li tikkonsenjahom jew tippermetti b'mod ieħor jiġu ssekwestrati fuq it-talba tal-Pulizija Kriminali. Jekk ikun meħtieġ, dan l-obbligu jista' wkoll jiġi infurzat billi jitwettqu tfittxijiet fuq persuni jew f'postijiet ta' residenza; l-Artikoli 119 sa 122 għandhom b'hekk jiġu applikati kif meħtieġ.
(2) F'każijiet fejn l-informazzjoni maħżuna fuq mezzi li jżommu d-data ser tiġi ssekwestrata, il-persuni kkonċernati għandhom jipprovdu aċċess għal dik l-informazzjoni u jikkonsenjaw jew jipproduċu mezz li jżomm data elettronika f'format ta' data konvenzjonali jekk jintalbu dan. Huma għandhom jippermettu li ssir kopja ta' riżerva tal-informazzjoni maħżuna fuq il-mezzi li jżommu d-data.
(3) Persuni li ma ġewx mixlija b'reat għandhom, fuq talba tagħhom, jingħataw lura l-ispejjeż standard u adatti li jkun ħtiġilhom iħallsu b'riżultat tat-tneħħija ta' dokumenti jew proprjetà oħra evidenzjarja minn partijiet oħra jew tal-provvediment ta' fotokopji.
(4) Fil-każijiet kollha, għandha tiġi kkonsenjata jew tinħareġ dikjarazzjoni ta' sekwestru lill-persuna kkonċernata, minnufih jew fi żmien mhux aktar minn 24 siegħa, u tali persuni għandhom jiġu informati bid-dritt tagħhom għal appell (Artikolu 106). Fil-każ ta' sekwestru biex jissalvagwardja deċiżjoni dwar talbiet ta' dritt privat (Artikolu 110(1)(2)), il-vittma għandha fejn jista' jkun tiġi nnotifikata.

Artikolu 112. Fejn il-persuna kkonċernata minn jew preżenti waqt is-sekwestru topponi s-sekwestru ta' dokumentazzjoni bil-miktub jew mezzi li jżommu d-data għal raġunijiet ta' dover ta' kunfidenzjalità rikonoxxut legalment, dawk id-dokumentazzjoni u mezzi li jżommu d-data għandhom jingħataw protezzjoni xierqa kontra żvelar jew alterazzjoni mhux awtorizzati u għandhom jiġu sottomessi lill-qorti; huma ma jistgħux jiġu spezzjonati minn qabel. Il-qorti għandha teżamina d-dokumentazzjoni u l-mezzi li jżommu d-data u għandha tiddeċiedi jekk għandhomx u kemm għandhom jibqgħu jiġu salvagwardati jew jingħataw lura lill-persuna kkonċernata. Kull ilment li jitressaq kontra dik id-deċiżjoni għandu jkollu effett ta' sospensjoni.

Artikolu 113. (1) Sekwestru għandu jintemm
1. jekk jiġi rrevokat mill-Pulizija Kriminali (paragrafu 2),
2. jekk dik ir-revoka tkun ordnata mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (paragrafu 3),
3. jekk il-qorti tordna qbid.

(2) Il-Pulizija Kriminali għandha tinnotifika lill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku minnufih, jew fi żmien mhux aktar minn 14-il jum (Artikolu 100(2)(2)), f'każijiet fejn ma tirrevokax minn qabel sekwestru b'segwitu tal-Artikolu 110(3) fin-nuqqas tar-rekwiżiti rilevanti, jew fejn dawk ir-rekwiżit ma jibqgħux japplikaw. Madankollu, dik in-notifika tista' tingħaqad man-notifika sussegwenti bil-kundizzjoni li dan ma jkunx ta' ħsara għall-interessi essenzjali tal-proċedimenti jew tal-persuni u dment li l-proprjetà ssekwestrata għandha valur baxx, jew mhi suġġetta għad-dritt ta' disponiment ta' ħadd, jew hi koperta minn projbizzjoni ġenerali fuq il-pussess (Artikolu 445a(1)). Fil-każ tal-Artikolu 110(3)(5), il-Pulizija Kriminali għandha tipproċedi konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3, 4 u 6 tal-Liġi dwar il-Piraterija tal-Prodotti tal-2004 (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Awstrija I Nru 56/2004).
(3) L-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku għandu minnufih japplika fil-qorti għall-qbid jew, jekk ir-rekwiżiti għal dak il-qbid ma japplikawx jew ma għadhomx japplikaw, għandu jordna li s-sekwestru jiġi rrevokat.

Artikolu 114. (1) Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar qbid (Artikolu 115(2)), il-Pulizija Kriminali, segwita mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, għandha tkun responsabbli għas-salvagwardja ta' proprjetà ssekwestrata.
(2) Meta r-raġunijiet għat-tkomplija tas-salvagwardja ta' proprjetà ssekwestrata ma jibqgħux japplikaw, dik il-proprjetà għandha minnufih tiġi kkonsenjata lill-persuna li kellha dritt ta' disponiment għaliha fil-mument tas-sekwestru, ħlief jekk ikun ċar li dik il-persuna ma għandhiex dritt għaliha. F'dak il-każ, il-proprjetà għandha tiġi kkonsenjata lill-persuna li jkollha dritt leġittimu għaliha jew, jekk dik il-persuna mhix identifikabbli b'mod ċar u ma tistax tiġi identifikata mingħajr sforz sproporzjonat, għandha tiġi ddepożitata fis-salvagwardja tal-qorti b'segwitu tal-Artikolu 1425 tal-Kodiċi Ċivili Ġenerali. Il-persuni kkonċernati għandhom jiġu nnotifikati b'kull azzjoni bħal din.

Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali - Qbid

(1) Qbid għandu jkun permess jekk ikun mistenni li l-proprjetà ssekwestrata
1. ser tkun rikjesta bħala evidenza fil-proċedimenti sussegwenti,
2. hi suġġetta għal talbiet ta' dritt privat (Artikolu 367), jew
3. ser tintuża biex titwettaq ordni tal-qorti dwar l-irkupru ta' rikavati (Artikolu 20 tal-Kodiċi Penali), telf tad-dritt ta' proprjetà (Artikolu 20b tal-Kodiċi Penali), konfiska (Artikolu 26 tal-Kodiċi Penali) jew kwalunkwe ordni finanzjarja oħra preskritta legalment li l-infurzar tagħha jkun ippreġudikat jew serjament imfixkel jekk isir mod ieħor.
(2) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar qbid bla dewmien fuq talba tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku.
(3) L-Artikolu 110(4) għandu japplika *mutatis mutandis*. Jekk meħtieġ, il-qbid għandu jkun ristrett għad-dokumentazzjoni u l-fotokopji msemmijin fih.
(4) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dik il-Liġi, id-dispożizzjonijiet tal-Ordni tal-Infurzar dwar Miżuri Interim għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal qbid permezz ta' ordni ta' sekwestru jew projbizzjoni ta' bejgħ jew ipoteka (Artikolu 109(2)(b)).
(5) Deċiżjonijiet li jippermettu qbid biex titwettaq ordni tal-qorti dwar l-irkupru ta' rikavati (Artikolu 20 tal-Kodiċi Penali) jew telf tad-dritt ta' proprjetà (Artikolu 20b tal-Kodiċi Penali) għandhom jispeċifikaw somma ekwivalenti għall-ammont tal-irkupru jew it-telf tad-dritt ta' proprjetà mistenni.
(6) Fejn il-kundizzjonijiet għall-qbid ma japplikawx jew ma għadhomx japplikaw, jew mal-ħlas tas-somma ddeterminata konformement mal-paragrafu (5), l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku għandu jirrevoka dak il-qbid ladarba l-akkuża tkun tressqet quddiem il-qorti.

III. Proċedura dwar l-irkupru ta' rikavati, telf tad-dritt ta' proprjetà u konfiska

Artikolu 443. (1) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din it-taqsima, is-sentenza għandu jkun fiha dispożizzjonijiet dwar l-irkupru ta' rikavati, telf tad-dritt ta' proprjetà, konfiska u ordnijiet oħra finanzjarji (responsabbiltà għal multi, konfiska tad-dritt ta' proprjetà u konfiska ta' valur).
(2) Jekk l-eżitu tal-proċedimenti kriminali, minnu nnifsu jew wara t-tmiem ta' investigazzjonijiet li ma joħolqux dewmien sostanzjali għad-deċiżjoni dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà jew il-piena, ma jippermettix li jsir ġudizzju affidabbli rigward l-ordnijiet finanzjarji msemmijin fil-paragrafu (1) aktar 'il fuq, il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet jista' jkun irriżervat fuq il-bażi ta' deċiżjoni separata (Artikoli 445 u 445a), ħlief fejn dawn l-ordnijiet ma jkunux għadhom permissibbli minħabba n-natura tal-assi jew proprjetà kkonċernati.
(3) Ħlief għall-każ imsemmi fl-Artikolu 445a, deċiżjoni dwar ordnijiet finanzjarji għandu jkollha l-istess status bħal deċiżjoni rigward piena, u tista' tiġi kkontestata b'appell kemm favur kif ukoll kontra l-parti kkundannata jew il-persuna miżmuma responabbli (Artikoli 64 u 444).

Artikolu 444. (1) Il-proċedimenti prinċipali u l-ħruġ tas-sentenza jistgħu jseħħu mingħajr il-preżenza tal-persuna miżmuma responsabbli (Artikolu 64) dment li din tal-aħħar kienet debitament imħarrka biex tkun preżenti għall-proċedimenti prinċipali (Artikolu 221(2)).
(2) Fejn il-persuni miżmuma responsabbli jasserixxu d-drittijiet tagħhom biss wara li d-deċiżjoni dwar telf tad-dritt ta' proprjetà jew konfiska tkun daħlet fis-seħħ, huma għandu jkollhom tletin sena żmien biex jasserixxu l-pretensjonijiet tagħhom għall-proprjetà jew għall-prezz tal-akkwist tagħha (Artikolu 408) kontra l-Gvern Federali b'mezzi ċivili.

Artikolu 444a. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet dwar it-telf tad-dritt ta' proprjetà għandhom japplikaw fl-ispirtu għar-responsabbiltà għal multi, konfiska tad-dritt tal-proprjetà, konfiska ta' valur u rkupru ta' rikavati.

Artikolu 445. (1) Fejn hemm biżżejjed raġunijiet biex wieħed jassumi li l-kundizzjonijiet għall-irkupru ta' rikavati (Artikolu 20 tal-Kodiċi Penali), telf tad-dritt ta' proprjetà (Artikolu 20b tal-Kodiċi Penali) jew konfiska (Artikolu 26 tal-Kodiċi Penali) huma sodisfatti iżda mhux possibbli li tinħareġ deċiżjoni f'dak ir-rigward fi proċedimenti kriminali jew fi proċedimenti diretti lejn internament f'waħda mill-istituzzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 21 sa 23 tal-Kodiċi Penali, il-prosekutur pubbliku għandu jagħmel applikazzjoni indipendenti għall-impożizzjoni ta' dik l-ordni finanzjarja.
(2) Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-irkupru ta' rikavati jew telf tad-dritt ta' proprjetà għandhom jittieħdu indipendentement, wara smigħ pubbliku, minn qorti li kienet jew hi meqjusa kompetenti għas-smigħ u l-ħruġ ta' sentenza għar-reat li fuqu ser tkun ibbażata dik l-ordni; fejn ma tkunx teżisti qorti bħal din, dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-qorti reġjonali li l-post tal-assi jew tal-proprjetà jkun jinsab taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. Id-deċiżjoni tal-qorti reġjonali għandha tittieħed minn imħallef wieħed. F'każijiet fejn ġurati jkunu ġġudikaw dwar ir-reat li fuqu ser tkun ibbażata l-ordni jew irriżervaw id-deċiżjoni (Artikolu 443(2)), l-imħallef li jippresjiedi għandu jaġixxi bħala l-imħallef waħdieni.
(3) Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal konfiska għandhom ġeneralment jittieħdu indipendentement, wara smigħ pubbliku, mill-qorti distrettwali li għandha ġurisdizzjoni fuq il-post fejn twettaq ir-reat (Artikolu 445a); fejn dik il-qorti ma tistax tiġi identifikata jew tinsab barra l-Awstrija, dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-qorti distrettwali li l-post tal-proprjetà jinsab taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. Id-dispożizzjonijiet dwar il-proċedimenti prinċipali quddiem il-qrati distrettwali u l-Artikolu 444 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.
(4) Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu kkontestati b'appell kemm favur kif ukoll kontra l-persuna kkonċernata konformement mal-Artikoli 463 sa 468 (Artikolu 489); l-aħħar sentenza tal-Artikolu 444(1) għandha tapplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 445a. (1) Il-qorti distrettwali tista' tiġġudika indipendentement, wara li tisma' l-prosekutur pubbliku u l-partijiet miżmuma responsabbli (Artikolu 444), dwar applikazzjonijiet għal konfiska f'każijiet fejn il-valur tal-proprjetà suġġetta għal konfiska ma jaqbiżx EUR 1 000 jew fejn il-pussess tagħha hu ġeneralment ipprojbit. Dan is-smigħ jista' ma jsirx f'każijiet fejn il-persuna miżmuma responsabbli tirrisjedi barra l-Awstrija, jew jekk jinħtieġu sforzi amministrattivi konsiderevoli biex jiġi identifikat il-post tar-residenza tagħha.

Artikolu 446. Fejn ir-rekwiżiti għall-proċedura indipendenti ma jkunux sodisfatti sal-proċedimenti prinċipali, id-deċiżjoni tista' tinħareġ fil-forma ta' sentenza li tillibera lill-akkużat jew tiċħad l-applikazzjoni għal internament f'istituzzjoni.

**Liġi Federali tal-4 ta' Diċembru 1979 dwar Estradizzjoni u Assistenza Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (Liġi dwar Estradizzjoni u Assistenza Ġudizzjarja)**

Infurzar ta' deċiżjonijiet barranin f'materji kriminali - Rekwiżiti

Artikolu 64. (1) L-infurzar jew tkomplija ta' infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti barranija li timponi multa jew sentenza ta' kustodja, miżura preventiva jew ordni finanzjarja għandha tkun permessa fuq talba tal-Istat l-ieħor jekk:

1. id-deċiżjoni tal-qorti barranija nħarġet konformement ma' proċedura li tissodisfa l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Awstrija Nru 210/1958),
2. id-deċiżjoni nħarġet minħabba att sanzjonabbli minn qorti taħt il-liġi Awstrijaka,
3. id-deċiżjoni ma nħarġitx minħabba wieħed mir-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 14 u 15,
4. il-perijodu ta' limitazzjoni għadu ma skadiex taħt il-liġi Awstrijaka,
5. il-persuna li lilha hi indirizzata d-deċiżjoni tal-qorti barranija ma ġietx imħarrka, ikkundannata jew liberata definittivament jew b'mod ieħor rilaxxata fir-rigward tal-att inkwistjoni fl-Awstrija.

(2) L-infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti barranija li timponi sentenza ta' kustodja jew miżura preventiva hu permissibbli biss jekk il-persuna kkundannata hija ċittadin Awstrijak, hija residenti permanenti jew b'mod ieħor fl-Awstrija u tat il-kunsens tagħha għall-infurzar fl-Awstrija.
(3) L-infurzar ta' miżuri preventivi hu permissibbli biss jekk il-liġi Awstrijaka tipprevedi miżura simili.
(4) L-infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti barranija li timponi ordnijiet finanzjarji hu permissibbli biss jekk ir-rekwiżiti għal piena finanzjarja, irkupru ta' rikavati, telf tad-dritt ta' proprjetà jew konfiska huma sodisfatti taħt il-liġi Awstrijaka u l-ebda ordni korrispondenti ma tkun għadha nħarġet fl-Awstrija.
(5) Barra minn hekk, l-infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti barranija li timponi piena finanzjarja jew l-irkupru ta' rikavati hu permissibbli biss jekk il-ħlas ta' dan mistenni li jsir fl-Awstrija u l-persuna kkonċernata tkun instemgħet, sakemm tista' tiġi kkuntattjata.
(6) Barra minn hekk, l-infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti barranija li timponi b'mod definittiv telf tad-dritt ta' proprjetà jew konfiska hu permissibbli biss jekk il-proprjetà jew l-assi kkonċernati bid-deċiżjoni jinsabu fl-Awstrija u l-persuna kkonċernata tkun instemgħet, sakemm tista' tiġi kkuntattjata.
(7) Pieni finanzjarji, somom li ġew irkuprati, assi li ntilef id-dritt ta' proprjetà għalihom u proprjetà li ġiet ikkonfiskata għandhom ikunu assenjati lill-Gvern Federali.

Deċiżjoni ta' infurzar fl-Awstrija

Artikolu 65. (1) F'każijiet fejn l-infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti barranija f'materji kriminali jiġi ttrasferit, il-piena, miżura preventiva jew ordni finanzjarja li ser tiġi infurzata fl-Awstrija għandhom jiġu ddeterminati taħt il-liġi Awstrijaka b'rispett dovut għall-miżura hekk imħabbra. Telf tad-dritt ta' proprjetà ordnat b'deċiżjoni ta' qorti barranija jista' jiġi infurzat ukoll bħala telf tad-dritt ta' proprjetà fl-Awstrija dment li jkun twettaq irkupru ta' rikavati taħt il-liġi Awstrijaka.

(2) Il-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni ma għandhiex tiġi ttrattata inqas favorevolment b'riżultat tat-trasferiment tal-infurzar milli kieku d-deċiżjoni ġiet infurzata fl-Istat l-ieħor.
(3) L-Artikoli 38 u 66 tal-Kodiċi Penali għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 66. Talbiet għall-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin f'materji kriminali għandhom jitressqu mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja lill-qorti reġjonali kompetenti (Artikolu 67(1)). Fejn, fil-mument li tasal it-talba, diġà jeżistu ċirkostanzi li jipprojbixxu t-trasferiment tal-infurzar għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-Artikoli 2 u 3(1), jew fejn it-talba ma tistax tiġi ttrattata konformement mal-liġi, il-Ministru Federali tal-Ġustizzja għandu minnufih jiċħad it-talba. Fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti, il-Ministru Federali tal-Ġustizzja jista' jitlob lill-Istat rikjedenti għal aktar dokumentazzjoni, fuq l-inizjattiva tiegħu jew fuq talba tal-Qorti tal-Prim' Istanza.

Artikolu 67. (1) Il-qorti reġjonali li l-persuna kkonċernata hija residenti b'mod permanenti jew b'mod ieħor fiż-żona tal-ġurisdizzjoni tagħha għandha tkun kompetenti biex tiġġudika dwar talbiet għall-infurzar u l-adattament tas-sentenza, miżura preventiva jew irkupru ta' rikavati. Jekk ma tista' tiġi identifikata l-ebda qorti reġjonali speċifika bħala kompetenti b'segwitu ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti Kriminali Reġjonali ta' Vjenna għandha titqies li hija kompetenti. Il-qorti reġjonali (Artikolu 31(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) li l-assi jew il-proprjetà jinsabu fiż-żona tal-ġurisdizzjoni tagħha għandha tkun kompetenti biex tiġġudika talbiet għall-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar telf tad-dritt ta' proprjetà jew konfiska.
(2) Il-Ministru Federali tal-Ġustizzja għandu jinnotifika lill-Istat rikjedenti bid-deċiżjoni tiegħu dwar it-talba għat-trasferiment tal-infurzar konformement mal-proċedura stabbilita għal dak l-għan, u għandu jgħarrfu b'dan l-infurzar.
(3) Ladarba l-infurzar ta' sentenza jew miżura preventiva tkun ġiet ittrasferita, ma jkunux jistgħu jinbdew aktar proċedimenti kriminali għar-reat li fuqu kienet ibbażata s-sentenza.
(4) Infurzar, libertà kondizzjonata u maħfra għandhom ikunu rregolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġi Awstrijaka.
(5) L-infurzar għandu fi kwalunkwe każ jintemm jekk l-infurzabbiltà tal-piena jew miżura preventiva tkun preskritta taħt il-liġi tal-Istat rikjedenti.